IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2017
COM(2017) 287 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Applikazzjoni tad-Deċiżjoni 573/2014/UE dwar kooperazzjoni mtejba bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES)

1. Introduzzjoni

Is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) huma fuq quddiem nett fir-rispons għall-isfida tal-qgħad u tal-esklużjoni madwar l-Ewropa. Skont id-Deċiżjoni Nru 573/2014/EU[1] ('id-Deċiżjoni'), f'Mejju 2014 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stabbilixxew in-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi ('in-Netwerk') bħala pjattaforma għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn dawn l-organizzazzjonijiet. Dan ir-rapport huwa reviżjoni tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni. Skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni, ir-rapport ser jivvaluta sa liema punt in-Netwerk għen sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Deċiżjoni[2] u jekk s'issa wettaqx il-kompiti tiegħu. Ser jeżamina wkoll il-mod kif in-Netwerk żviluppa u implimenta t-Tagħlim Komparattiv – il-proċess li bih tinħoloq rabta bejn it-tqabbil tal-prestazzjoni u t-tagħlim reċiproku[3].

It-Taqsima 2 tar-rapport teżamina kull wieħed mill-objettivi tan-Netwerk u tħares lejn l-attivitajiet li wettaq[4]. It-Taqsima 3 tirrevedi l-implimentazzjoni tal-inizjattiva ta' Tagħlim Komparattiv, tiddeskrivi l-metodoloġija, ir-riżultati s'issa u l-iżviluppi li għaddejjin. It-Taqsima 4 tikkonkludi r-rapport, billi tislet xi tagħlimiet mill-ewwel sentejn u nofs tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni.

Dwar in-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi

In-Netwerk ġie stabbilit f'Mejju 2014 wara d-Deċiżjoni biex titjieb il-kooperazzjoni bejn il-PES fl-Ewropa. In-Netwerk jinkludi PES mill-Istati Membri kollha tal-UE, min-Norveġja u mill-Iżlanda, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea.

Il-kollaborazzjoni bejn il-PES fuq livell Ewropew bdiet qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni. Fl-1997, il-Kummissjoni waqqfet grupp konsultattiv informali tal-kapijiet tal-PES. L-għan kien li jiġu promossi l-kooperazzjoni, l-iskambju u t-tagħlim reċiproku bejn l-organizzazzjonijiet membri tal-grupp u li jingħata feedback speċjalizzat dwar l-inizjattivi ta' politiki dwar l-impjiegi. Filwaqt li bniet fuq dan, il-Kummissjoni għamlet proposta biex tiġi formalizzata l-kooperazzjoni bejn il-PES. Riedet tipprovdi pjattaforma għat-tqabbil tal-prestazzjoni tal-PES fuq livell Ewropew, jiġu identifikati l-aħjar prattiki u jitrawwem it-tagħlim reċiproku sabiex il-PES ikunu jistgħu jtejbu s-servizzi tagħhom. Riedet tagħti wkoll lill-PES aktar opportunitajiet biex jgħinu fl-iżvilupp ta' politiki innovattivi bbażati fuq l-evidenza f'konformità mal-objettivi tal-Ewropa 2020.

[1] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.L_.2014.159.01.0032.01.MLT

[2] Kif stabbilit fl-Artikolu 3.

[3] B'referenza speċifika għall-punt 1(a) fl-Artikolu 4. Dan jitlob lin-Netwerk biex jiżviluppa u jimplimenta tagħlim komparattiv ibbażat fuq l-evidenza, madwar l-Unjon kollha sabiex, permezz ta' metodoloġija adatta, titqabbel il-prestazzjoni tal-attivitajiet tagħhom fl- oqsma li ġejjin:: kontribut għat-tnaqqis tal-qgħad għall-gruppi tal-etajiet kollha, it-tul tal-qgħad u tal-inattività; il-mili ta' postijiet battala; is-sodisfazzjon tal-klijenti bis-servizzi tal-PES.

[4] Għal attivitajiet għaddejjin u futuri, ara l-programm ta' ħidma għall-2017: http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=17001&langId=en

Governanza tan-Netwerk

In-Netwerk għandu struttura robusta ta' governanza.

Il-Bord tan-Netwerk

In-Netwerk għandu Bord governattiv li l-membri tiegħu huma kapijiet ta' PSE minn kull Stat Membru tal-UE, min-Norveġja u mill-Iżlanda, kif ukoll mill-Kummissjoni. Il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO)[5] għandu status ta' osservatur. Il-Bord jiltaqa' darbtejn fis-sena fl-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-UE. Jistabbilixxi d-direzzjoni strateġika tan-Netwerk, jiddibatti dwar l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma.

Konsulenti għall-Affarijiet tal-PES Ewropej (AFEPAs)

Kull membru tal-Bord jaħtar Konsulent għall-Affarijiet tal-PES Ewropej (AFEPA) biex jgħinu fit-tmexxija tan-Netwerk. Il-konsulenti jiltaqgħu darbtejn fis-sena qabel il-laqgħat tal-Bord biex jirrevedu l-attivitajiet tan-Netwerk u jaqblu dwar abbozz ta' pożizzjonijiet. Is-segretarjat tal-EMCO jiġi mistieden jattendi għal dawn il-laqgħat biex jappoġġja l-kollaborazzjoni bejn in-Netwerk u l-EMCO.

Is-Segretarjat tan-Netwerk

Il-Bord tan-Netwerk huwa assistit minn Segretarjat ipprovdut mill-Kummissjoni (Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni). Is-Segretarjat, f'kooperazzjoni mal-president u mal-viċi-presidenti, iħejji l-laqgħat tal-Bord u jgħin fl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali. Jorganizza u jippresjedi wkoll il-laqgħat tal-AFEPAs.

L-attivitajiet tan-Netwerk[6]

Is-sistema ta' Tagħlim Komparattiv tal-PES hija fil-qalba tal-attivitajiet tan-Netwerk. L-għan tagħha huwa li ttejjeb il-prestazzjoni tal-PSE fl-indirizzar ta' sfidi Ewropej marbuta mas-suq tax-xogħol. It-Tagħlim Komparattiv jorbot il-valutazzjoni komparattiva bbażata fuq l-indikaturi ma' tagħlim reċiproku. Jiġu identifikat l-aħjar prattiki u s-sejbiet jintużaw għal attivitajiet ta' tagħlim reċiproku sabiex tiżdied il-kwalità tas-servizz li jingħata lill-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg u lil min iħaddem. Il-valutazzjoni hija kemm kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva u twassal għal rakkomandazzjonijiet għat-titjib ta' kull PES.

In-Netwerk jgħin ukoll lill-membri tiegħu jimplimentaw azzjonijiet ta' prijorità, bħall-Garanzija għaż-Żgħażagħ, u biex jindirizzaw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi relatati mal-PES. Dan isir permezz ta' tagħlim reċiproku u assistenza teknika individwalizzata. Fl-aħħar nett, in-Netwerk jipprovdi lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fuq livelli nazzjonali u Ewropej b'pariri esperti dwar it-tfassil, l-iżvilupp u l-valutazzjoni ta' politiki dwar l-impjiegi.

[5] http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=115

[6] Rapporti annwali dwar l-attivitajiet tan-Netwerk huma disponibbli għall-2015 u għall-2016: http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1100&langId=mt

2. Valutazzjoni tal-issodisfar tal-objettivi tal-Artikolu 3

Din it-taqsima teżamina kull objettiv taħt l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni. Tħares lejn l-attivitajiet li n-Netwerk ikun wettaq. Fejn ikun tematikament xieraq, xi objettivi tal-Artikolu 3 intrabtu flimkien (l-objettiv a mal-objettiv g u l-objettiv d mal-objettiv e).

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni: Objettivi

L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz tan-Netwerk fil-qasam tal-impjiegi, fl-oqsma tar-responsabbiltà tal-PES, sabiex tikkontribwixxi għall-'Ewropa 2020' u għall-implimentazzjoni ta' politiki rilevanti tal-Unjoni, u b'hekk tappoġġa:

(a) il-gruppi soċjali l-aktar vulnerabbli b'rati għoljin ta' qgħad, speċjalment ħaddiema akbar fl-età u ż-żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ ('NEETs');

(b) xogħol diċenti u sostenibbli;

(c) il-funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol fl-UE;

(d) l-identifikazzjoni ta' nuqqas ta' ħiliet u l-għoti ta' informazzjoni dwar fiex jikkonsisti dan in-nuqqas ta' ħiliet u fejn jinsab, kif ukoll it-tlaqqigħ aħjar tal-ħiliet ta' min ikun qiegħed ifittex xogħol u l-ħtiġijiet ta' min iħaddem;

(e) l-integrazzjoni aħjar tas-swieq tax-xogħol;

(f) aktar mobilità ġeografika u okkupazzjonali volontarja fuq bażi ekwa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol;

(g) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol bħala parti mill-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali;

(h) l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni ta' inizjattivi attivi fis-suq tax-xogħol u l-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tagħhom.

2.1 Appoġġ għall-gruppi soċjali vulnerabbli u l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol (l-objettiv a u l-objettiv g)

In-Netwerk jgħin biex jiġi żgurat li s-swieq tax-xogħol ikunu qegħdin jaħdmu sew fl-Ewropa. Ċentrali għal dan hija l-implimentazzjoni ta' politiki li jgħinu lil dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol isibu xogħol, speċjalment iż-żgħażagħ u l-persuni qiegħda fit-tul, li hija prijorità ewlenija għall-politika Ewropea dwar l-Impjiegi. Barra minn hekk, in-Netwerk indirizza l-integrazzjoni tar-rifuġjati u ta' persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol.

Il-qgħad fost iż-żgħażagħ

In-Netwerk kien u għadu jikkontribwixxi b'mod attiv għall-miżuri tal-UE biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażagħ permezz tal-appoġġ tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ[7]. L-għan tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ huwa li jiġi żgurat li ż-żgħażagħ kollha taħt il-25 sena jirċievu offerta ta' xogħol ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jkunu waqqfu mill-istudji tagħhom. F'ħafna pajjiżi, il-PES jaġixxu bħala l-punt ewlieni ta' aċċess għall-

[7] http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1079

Garanzija għaż-Żgħażagħ, f'ħidma kollaborattiva ma' firxa ta' msieħba li jipprovdu dawn is-servizzi.

Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ tistieden lin-Netwerk tal-PES biex ikompli jimmonitorja u jirrapporta b'mod regolari dwar l-iżviluppi li jittrattaw it-tfassil, l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ. Id-Deċiżjoni titlob lin-Netwerk sabiex jippromwovi u jaqsam l-aħjar prattika dwar l-integrazzjoni taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg, jew taħriġ (NEETs). Għalhekk in-Netwerk qiegħed jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ mill-PES – ippubblikata fir-rapporti annwali dwar it-tema[8] — u wettaq diversi attivitajiet analitiċi u ta' tagħlim reċiproku oħra. Pereżempju, il-*Catalogue of PES Practices for the Outreach to NEETs*[9] (*Katalogu dwar il-Prattiki tal-PES għall-Ilħiq tan-NEETs*) tan-Netwerk jinkludi eżempji minn 17-il PES dwar il-modi differenti li bihom ġew ipprovduti dawn is-servizzi madwar l-Ewropa. Il-*Catalogue of Measures for Implementation of the Youth Guarantee*[10] (*Katalogu ta' Miżuri għall-Implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ*) tan-Netwerk jelenka miżuri tal-PES biex jitjieb is-servizz offrut tagħhom dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ. Barra minn hekk, fl-2016 ġie żviluppat sett ta' miżuri[11] biex jipprovdi gwida konkreta għall-PES dwar l-ilħiq tan-NEETs.

Ir-rapport tal-Kummissjoni tal-2016 dwar *Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ: tliet snin wara*[12] qies li ħafna mill-PES kienu mmiraw aħjar is-servizzi tagħhom u offrew aktar servizzi liż-żagħżagħ. Ir-rapport isemmi wkoll xi sfidi li fadal għall-PES, bħall-iżgurar li jkollhom il-kapaċità li jwettqu l-firxa kbira ta' ħidmiet meħtieġa, u jżidu l-kooperazzjoni strutturata tagħhom ma' min iħaddem.

Il-qgħad fit-tul

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol[13] tat mandat lill-EMCO sabiex, flimkien mal-kontribut tan-Netwerk, jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan il-proċess.

Eżempju: Konferenza tan-Netwerk dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul

Fit-2 ta' Ġunju 2016, in-Netwerk organizza Konferenza li laqqgħet flimkien rappreżentanti mill-PES, mit-tielet settur, mis-servizzi ta' impjieg privati u msieħba oħra biex tiġi diskussa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-persuni qiegħda fit-tul.

Il-konferenza ffokat fuq l-għoti ta' punti ta' kuntatt uniċi permezz ta' koordinazzjoni bejn l-aġenziji, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet dwar l-integrazzjoni tax-xogħol u l-ħolqien ta' sħubiji effikaċi għall-integrazzjoni tax-xogħol.

Id-diskussjonijiet waqt il-konferenza taw lill-PES u lil partijiet interessati oħra opportunità biex jiskambjaw l-esperjenzi u jaqsmu l-għarfien espert. Dawn il-fora jippermettu lill-PES itejbu l-prestazzjoni u japprofondixxu l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet imsieħba biex jiġu indirizzati kwistjonijiet kritiċi.

[8] http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=16966&langId=en
[9] http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=13728&langId=en
[10] http://ec.europa.eu/social/contentAdmin/BlobServlet?docId=13199&langId=en
[11] http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=16571&langId=en
[12] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52016DC0646&from=EN
[13] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32016H0220%2801%29

In-Netwerk fassal u adotta standards ta' kwalità li jistabbilixxu aspettattivi minimi, intermedji u avvanzati għall-provvista ta' faċilità għal punt uniku ta' kuntatt għall-klijenti u għal ftehimiet dwar l-integrazzjoni tax-xogħol. Il-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur[14] (EPSCO) approva dawn l-istandards ta' kwalità. In-Netwerk wettaq ukoll riċerka biex jiġu identifikati l-aħjar prattiki fil-PES dwar l-intervent bikri ma' u l-attivazzjoni tal-persuni qiegħda.

In-Netwerk ilu mill-bidu involut fl-iżvilupp tar-Rakkomandazzjoni dwar il-persuni qiegħda fit-tul, u ppreżenta rispons tan-Netwerk għall-konsultazzjoni dwar l-introduzzjoni tagħha.

Rifuġjati

Ħafna PES fl-Ewropa qed ikollhom joffru servizzi lil għadd dejjem jikber ta' rifuġjati u, f'xi każijiet, lil persuni li jkunu qegħdin ifittxu asil. Għalkemm is-sitwazzjoni fl-Istati Membri tvarja ħafna, hemm ħafna sfidi komuni u possibiltajiet sinifikanti biex wieħed jitgħallem minn approċċi innovattivi madwar l-Ewropa. Il-Bord tan-Netwerk kien u għadu jiddiskuti s-sitwazzjoni tar-rifuġjati u l-prattiki tal-Istati Membri.

F'Ġunju 2016, in-Netwerk adotta l-kunsiderazzjonijiet ewlenin tiegħu dwar l-integrazzjoni tar-rifuġjati u tal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu asil fis-suq tax-xogħol[15]. Identifika erba' kwistjonijiet bħala ta' importanza partikolari għall-integrazzjoni tar-rifuġjati u ta' dawk li jkunu qegħdin ifittxu asil: il-lingwa, il-ħiliet u l-kwalifiki, sħubiji u istituzzjonijiet, u min iħaddem. Fl-2017 qiegħed jorganizza avveniment ta' tagħlim reċiproku biex jiġu investigati l-prattiki tal-PES f'dawn l-oqsma.

Persuni b'diżabilità

L-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol hija qasam li fuqu ilu jiffoka n-Netwerk. Kien ukoll il-prijorità tal-Presidenza Olandiża tal-UE fl-ewwel nofs tal-2016. Il-laqgħa tal-Bord tan-Netwerk ta' Ġunju 2016 f'Amsterdam kienet opportunità biex jiġi eżaminat l-approċċ innovattiv u avvanzat tan-Netherlands. Fl-2016, in-Netwerk ippubblika wkoll dokument analitiku dwar id-diżabilità u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol[16] li rreveda l-inizjattivi politiċi riċenti u ħares lejn ix-xejriet ewlenin ta' għajnuna sabiex persuni b'diżabilità jsibu xogħol. Id-dokument silet minn eżempji minn Stati Membri fejn kien hemm riformi kbar fl-appoġġ mogħti lill-persuni b'diżabilità.

2.2 Xogħol diċenti u sostenibbli (l-objettiv b)

In-Netwerk ħadem biex jiżgura li l-inizjattivi għall-ħolqien ta' xogħol diċenti u sostenibbli jkunu effettivi billi kkontribwixxa għall-konsultazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-pubblikazzjoni tar-Rapport dwar id-Dinamika tas-Swieq tax-Xogħol, u organizza sessjoni ta' ħidma tematika ta' reviżjoni dwar l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol. Minbarra avvenimenti speċifiċi dwar din it-tema, ħafna mill-avvenimenti ta' tagħlim reċiproku tan-Netwerk ittrattaw din it-tema b'mod indirett.

[14] http://www.consilium.europa.eu/mt/council-eu/configurations/epsco/
[15] http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=16068&langId=en
[16] http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=16601&langId=en

Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

Ir-Rakkomondazzjoni u l-proposta tal-Kummissjoni għal Proklamazzjoni Interstituzzjonali għal Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[17] tpoġġi aktar enfasi fuq l-impjiegi u l-aspetti soċjali kif ukoll li tadatta l-mudell soċjali Ewropew għall-isfidi tas-seklu 21. Il-Pilastru jistabbilixxi dritt ġenerali għal assistenza f'waqtha u mfassla apposta biex jitjiebu l-prospetti ta' impjieg jew ta' impjieg indipendenti, inkluż id-dritt li jingħata appoġġ għal tiftix tax-xogħol, għal taħriġ u għal kwalifikazzjoni mill-ġdid. Għall-persuni qiegħda, il-Pilastru jistabbilixxi wkoll id-dritt għal appoġġ personalizzat, kontinwu u konsistenti. Għal dawk li jkunu ilhom qiegħda, il-Pilastru jipprevedi d-dritt ta' valutazzjoni individwali fid-dettall mhux iktar tard minn meta jkunu għaddew 18-il xahar bla xogħol. Fejn jidħlu l-benefiċċji tal-qgħad, min ikun qiegħed ikollu d-dritt jingħata appoġġ ta' attivazzjoni adegwat għalih mill-PES biex jintegra ruħu (jew jintegra ruħu mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol kif ukoll benefiċċji adegwati tal-qgħad ta' ċertu tul, f'konformità mal-kontribuzzjonijiet tiegħu u mar-regoli ta' eliġibbiltà nazzjonali.

F'Diċembru 2016, il-Bord tan-Netwerk ippreżenta kontribut għall-konsultazzjoni tal-Kummissjoni. Identifika t-tibdil teknoloġiku u t-tibdil fil-kuntest soċjoekonomiku bħala dawk bl-aktar impatt trasformattiv. L-oqsma speċifiċi ta' politika identifikati kienu jinkludu tagħlim ta' ħiliet u tagħlim tul il-ħajja, tranżizzjonijiet professjonali siguri, appoġġ għal impjieg attiv, benefiċċji u servizzi soċjali integrati, benefiċċji tal-qgħad, dħul minimu, u benefiċċji tal-mard. Fid-dawl ta' dan, in-Netwerk qed jirrevedi wkoll il-viżjoni tiegħu dwar il-PES għall-2020[18] sabiex ikunu riflessi aħjar it-tendenzi emerġenti u t-tħejjija tal-PES biex jadattaw u jgħinu lill-klijenti jaddattaw għal dan it-tibdil.

Rapport dwar id-Dinamika fis-Suq tax-Xogħol

Ir-Rapport dwar id-Dinamika fis-Suq tax-Xogħol tal-UE tal-2016[19] jidentifika xejriet li jaffettwaw is-suq tax-xogħol tal-UE matul il-kriżi. Imbagħad janalizza l-użu li dawk li kienu qegħdin ifittxu xogħol għamlu mill-PES u l-mod kif il-PES għenu lil dawk li jkunu sabu xogħol matul il-perjodu bejn l-2007-2014. Jipprovdi għarfien dwar id-diversi modi li bihom il-PES jistgħu jużaw l-analiżi tad-data dwar it-tranżizzjoni sabiex jagħmlu s-servizzi li jipprovdu aktar effettivi. Iħares ukoll lejn il-kontribut relattiv tal-PES għall-mod kif joperaw is-swieq tax-xogħol f'diversi Stati Membri.

Sessjoni ta' ħidma tematika ta' reviżjoni dwar l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol

F'Novembru 2016, ġie organizzat avveniment ta' tagħlim reċiproku dwar l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol. Dan wassal sabiex grupp ta' PES juri x-xewqa li jsir jaf aktar dwar l-innovazzjonijiet fil-PES Norveġiżi. Fi żjara ta' segwitu lill-Amministrazzjoni Norveġiża dwar ix-Xogħol u s-Sigurtà (NAV) f'Jannar 2017, dawn il-PES setgħu jiksbu għarfien dwar il-mod kif in-NAV tejbet is-servizzi diġitali tagħha. Dan wassal għal użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, kemm f'termini tal-ammont ta' ħin li l-konsulenti jqattgħu mal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu xogħol kif ukoll f'termini ta' spazju fiżiku għal-laqgħat, sabiex il-persunal ikun jista' jikkonċentra fuq l-għoti ta' appoġġ lil persuni li jkunu qegħdin ifittxu x-xogħol li jkollhom ħtiġijiet aktar kumplessi. Dan l-approċċ qed jippermetti wkoll lill-PES

[17] https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights_mt
[18] http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=9690&langId=mt
[19] http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=16334&langId=en

jaħdmu aħjar ma' min iħaddem sabiex ikun hemm tqabbil effettiv tal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu xogħol. L-unitajiet tar-relazzjonijiet industrijali f'kull PES jgħinu biex jiġu żviluppati rabtiet aktar b'saħħithom. In-NAV spjegat ukoll kif ġie stabbilit mentoraġġ ladarba l-persuni li jkunu qegħdin ifittxu xogħol jinstabilhom xogħol, u tappoġġja r-ritorn ta' individwi bi problemi ta' saħħa lura għax-xogħol.

2.3 Il-funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol (l-objettiv c)

Il-kooperazzjoni bejn firxa ta' partijiet interessati biex jgħinu lill-persuni jidħlu u jibqgħu fis-suq tax-xogħol hija kruċjali biex jiġu żgurati eżiti ta' suċċess għal dawk li jfittxu xogħol, għall-impjegati u għall-impjegaturi madwar l-Ewropa. Għal dan il-għan, in-Netwerk kien involut f'diversi inizjattivi biex tiġi promossa kollaborazzjoni akbar, fosthom l-inizjattiva ta' Sħubiji bejn is-Servizzi tal-Impjiegi (PARES) u Konferenza tal-Partijiet Interessati dwar is-Sħubiji. In-Netwerk organizza wkoll avvenimenti bħal pereżempju seminars dwar il-ġestjoni tat-tibdil, sessjonijiet ta' ħidma ta' reviżjoni dwar l-IT u sessjonijiet ta' ħidma dwar it-tfassil ta' profili, kif ukoll ipprovda assistenza teknika speċifika biex jgħin lill-PES itejbu l-kapaċità tagħhom li jqabblu l-persuni li jkunu qegħdin ifittxu xogħol ma' postijiet battala. Il-kooperazzjoni man-Netwerk tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES), ristabbilit skont ir-Regolament (UE) 2016/589[20], kienet kruċjali wkoll fid-dawl tal-mandat tal-EURES li jtejjeb il-funzjonament, il-koeżjoni u l-integrazzjoni tas-swieq tax-xogħol fl-UE, inkluż fuq livell transkonfinali.

Sħubiji bejn is-Servizzi tal-Impjiegi

L-inizjattiva PARES[21] damet għaddejja bejn Settembru 2011 u Marzu 2016 biex titjieb il-kooperazzjoni bejn il-fornituri pubbliċi, privati u dawk mingħajr skop ta' qligħ ta' servizzi tal-impjieg u sabiex jiġu determinati l-oqsma fejn jistgħu jipprovdu servizzi komplementari. L-inizjattiva kienet tikkonsisti fi tliet linji ta' ħidma: fora ta' djalogi strateġiċi għall-kondiviżjoni u għall-iżvilupp tal-aħjar prattiki, sejħiet għal proposti u bażi tad-data komuni biex jinġabar flimkien il-materjal utli.

Kien hemm għadd ta' djalogi strateġiċi dwar temi li jvarjaw minn servizzi elettroniċi effettivi sal-provvista ta' servizzi koordinati. Matul l-aħħar avveniment ta' djalogu strateġiku tal-PARES li sar fi Frar 2016, rappreżentanti mill-PES u minn muniċipalitajiet fi 12-il pajjiż ingħaqdu flimkien biex jaqsmu l-esperjenzi u l-għarfien dwar l-esternalizzazzjoni ta' servizzi. Id-delegati qasmu l-opinjonijiet u l-esperjenzi tagħhom dwar il-kollaborazzjoni ma' fornituri esterni, l-użu ta' mudelli ta' rimunerazzjoni għas-servizzi esternalizzati, u t-tfassil u l-valutazzjoni ta' offerti.

Konferenza tal-Partijiet Interessati dwar is-Sħubiji

Fl-2015, in-Netwerk organizza Konferenza tal-Partijiet Interessati dwar it-tisħiħ tas-suq tax-xogħol permezz ta' kooperazzjoni akbar bejn l-imsieħba. L-avveniment laqqa' flimkien rappreżentanti tal-PES, il-ministeri kkonċernati, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, is-servizzi ta' impjieg privati, imsieħba soċjali u NGOs. Il-parteċipanti esploraw għadd ta' oqsma fosthom sħubiji ma' servizzi tal-impjiegi privati, il-kontribut tan-Netwerk għas-Semestru Ewropew, ir-rwol tal-imsieħba soċjali fir-riforma tal-PES, l-implimentazzjoni

[20] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L_.2016.107.01.0001.01.ENG
[21] http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=991

tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, ir-rwol 'konduttur' tal-PES bejn l-atturi fis-suq tax-xogħol, u l-ġestjoni ta' tranżizzjonijiet fil-karriera. L-avveniment kien strumentali biex jgħolli l-profil u l-valur tan-Netwerk fost il-partijiet interessati tiegħu.

Kooperazzjoni bejn il-PES u Servizzi tal-Impjiegi Privati (PrES)

F'Diċembru 2016, il-Bord tan-Netwerk approva prinċipji li jiddeskrivu strateġija u viżjoni għal kooperazzjoni ma' PrES fuq livell Ewropew. Enfasizzaw li l-ħtieġa li l-PES joħolqu sħubiji għadha relevanti minħabba n-natura trasversali tas-swieq tax-xogħol attwali u futuri. Indikaw ukoll li l-PES ser ikollhom bżonn joffru firxa varjata ta' servizzi. Minħabba l-pressjoni kostanti biex isir aktar b'inqas riżorsi, mhumiex ser ikunu jistgħu jiksbu dan waħedhom. Is-sħubiji joffru mod kif jistgħu jkomplu joffru servizzi ta' kwalità lill-klijenti. Il-Bord tal-PES qabel li jinbdew diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni waqt laqgħat futuri u li għal-laqgħat jiġu mistiedna l-partijiet interessati.

2.4 Tqabbil u integrazzjoni aħjar tas-swieq tax-xogħol (l-objettiv d u l-objettiv e)

L-identifikazzjoni ta' nuqqas ta' ħiliet u t-tqabbil aħjar tal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu xogħol mal-impjiegi huma wieħed mill-objettivi tan-Netwerk. B'mod ġenerali l-impjegaturi għandhom rwol ċentrali fil-prosperità tal-ekonomija, u fl-integrazzjoni effettiva tal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu xogħol fis-suq tax-xogħol. Il-PES Ewropej jippromwovu l-produttività u l-impjegabbiltà permezz ta' provvista adegwata ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi rilevanti.

B'sostenn għal dan, in-Netwerk kien involut f'firxa ta' inizjattivi għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-PES dwar in-nuqqas ta' ħiliet u sabiex jinstiltu tagħlimiet minn prattiki innovattivi. Dawn jinkludu l-produzzjoni ta' studju annwali dwar pożizzjonijiet vakanti li għalihom hemm nuqqas ta' ħaddiema u l-organizzazzjoni ta' Jum l-Impjegaturi Ewropej sabiex tiġi mħeġġa kollaborazzjoni eqreb bejn il-PES u min iħaddem.

Studji dwar pożizzjonijiet vakanti li għalihom hemm nuqqas ta' ħaddiema

Saru żewġ studji[22] fl-2015 u fl-2016 biex tinġabar data minn madwar in-Netwerk dwar okkupazzjonijiet li għalihom l-impjegaturi jsibuha bi tqila jsibu ħaddiema xierqa. L-istudji żviluppaw u applikaw mudell għall-ġbir u għall-iskambju ta' data dwar okkupazzjonijiet li għalihom l-impjegaturi jsibuha bi tqila jsibu ħaddiema xierqa fl-Ewropa, bil-parteċipazzjoni ta' 26 PES.

It-tieni studju, ibbażat fuq data mill-2016, kien jinkludi wkoll tqabbil ta' data amministrattiva mis-servizzi tal-impjiegi u data mill-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. L-istudji jippreżentaw stampa ta' okkupazzjonijiet kemm li għalihom l-impjegaturi jsibuha bi tqila jsibu ħaddiema xierqa kif ukoll dawk li għalihom hemm domanda eċċessiva kemm fuq livell nazzjonali u fil-livell tal-UE. Jiddiskutu wkoll jekk in-nuqqasijiet humiex ġenwinament ibbażati fuq nuqqas ta' ħiliet jew fuq kundizzjonijiet instabbli ta' impjieg, u modi kif jitjieb it-tqabbil tal-ħiliet.

[22] ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=16007&langId=en

Jum l-Impjegaturi Ewropej

Biex iħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn il-PES u min iħaddem, f'April 2016 in-Netwerk organizza l-ewwel Jum l-Impjegaturi Ewropej[23] fl-Istati Membri kollha tal-UE, fl-Iżlanda u fin-Norveġja. Fid-dawl tas-suċċess tal-inizjattiva, il-Bord tan-Netwerk qabel li jorganizza Jum l-Impjegaturi Ewropej ieħor fil-Ħarifa tal-2017.

Eżempju: Attivitajiet ta' Jum l-Impjegaturi Ewropej tal-2016

Fil-livell Ewropew, il-Jum l-Impjegaturi Ewropej kien ikkaratterizzat minn konferenza stampa ta' livell għoli fi Brussell. Fuq livell nazzjonali, il-PES organizzaw kuntatti intensivi ma' min iħaddem, fieri tax-xogħol, avvenimenti tematiċi u diversi azzjonijiet ta' komunikazzjoni. Bħala riżultat tal-Jum l-Impjegaturi Ewropej, il-PES ġabru 30 000 pożizzjoni vakanti permezz tal-kuntatt tagħhom ma' aktar minn 220 000 impjegatur. Ħadu sehem 70 000 persuna li kienu qegħdin ifittxu xogħol u 20 000 impjegat tal-PES. Barra minn hekk, il-PES setgħu jaqsmu l-esperjenzi ma' PES oħra dwar l-interazzjoni ma' min iħaddem u dwar modi kif dan l-avveniment jkun suċċess.

2.5 Mobilità (l-objettiv f)

Sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni dwar l-appoġġ għal aktar mobilità ġeografika u okkupazzjonali volontarja tal-ħaddiema, il-Bord tan-Netwerk qabel li tiġi proposta koordinazzjoni eqreb mal-EURES. In-Netwerk ser iqis ukoll kif jista' jappoġġja l-inizjattiva l-ġdida ta' Korp Ewropew ta' Solidarjetà bħala parti minn approċċ biex tingħata għajnuna lill-PES individwali biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' mobbiltà kemm ta' min iħaddem u ta' dawk li jkunu qegħdin ifittxu xogħol, speċjalment iż-żgħażagħ.

Kooperazzjoni mal-EURES u l-istruttura ta' governanza

Stabbilit fl-1993, in-Netwerk tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES) huwa kooperazzjoni mfassla biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-ħaddiema bejn it-28 pajjiż tal-UE flimkien mal-Iżvizzera, l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

L-EURES għandu l-għan li jagħmel is-swieq tax-xogħol aktar trasparenti fil-livell Ewropew permezz tal-iskambju ta' data dwar il-postijiet battala u u dak tal-profili ta' dawk li jkunu qegħdin ifittxu xogħol. Jara wkoll li jtejjeb l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ għal min ikun qiegħed ifittex xogħol u għall-impjegaturi li jkunu interessati li jiffaċilitaw il-moviment liberu tal-ħaddiema. Minħabba l-mandat tal-PES, ir-rwol tal-EURES huwa kruċjali u sal-lum il-PES huma l-organizzazzjonijiet membri l-aktar importanti. L-organizzazzjonijiet membri jaqsmu informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol u jaħdmu flimkien ta' kuljum biex iqabblu u jikkollokaw il-ħaddiema f'impjiegi f'pajjiżi oħra madwar l-UE. Il-bażi ġuridika l-ġdida stabbilita fl-2016 issaħħaħ l-obbligi dwar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar oqsma bħall-apprendistati. Tiddefinixxi wkoll sett minimu ta' servizzi ta' appoġġ li l-PES għandhom jipprovdu. Fid-dawl ta' dawn l-obbligi ġodda, jistgħu jkunu mistennija sinerġiji importanti mill-ħidma mill-qrib bejn iż-żewġ netwerks dwar attivitajiet li jirriżultaw mill-mandati tagħhom u li jaffettwaw il-ġestjoni ta' kuljum tal-PES.

[23] http://www.employersday.eu/

Konsegwentement, fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2016, il-Bord tan-Netwerk qabel li jippromwovi kooperazzjoni eqreb bejn in-Netwerk tal-PES u l-EURES fuq livell Ewropew. Rappreżentant mill-Grupp Ewropew ta' Koordinazzjoni tal-EURES ser jiġi mistieden biex jattendi l-laqgħat tal-AFEPA biex jipprovdi aġġornamenti rilevanti, u viċi versa. Kien hemm qbil ukoll li s-Segretarjat tal-PES u l-Uffiċċju Ewropew ta' Koordinazzjoni tal-EURES ser jaħdmu flimkien mill-qrib biex iħejju għal-laqgħat rispettivi tagħhom.

Grupp ta' ħidma dwar il-mobbilità ġusta

Il-Bord tan-Netwerk waqqaf grupp ta' ħidma dwar il-mobbiltà ġusta sabiex jiffoka fuq l-aspetti operazzjonali tal-kooperazzjoni tal-PES biex jappoġġjaw il-mobilità. Il-grupp ta' ħidma fassal dokument ta' riflessjoni li tqies mill-AFEPA u mill-Bord f'Diċembru 2015. Madankollu, attwalment ma hemm l-ebda pożizzjoni komuni tan-Netwerk dwar il-mobilità ġusta.

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li tnieda f'Diċembru 2016 għandu l-għan li jipprovdi liż-żgħażagħ madwar l-Ewropa bl-opportunità li jivvolontarjaw jew li jipparteċipaw f'esperjenza professjonali, ngħidu aħna fil-forma ta' xogħol jew apprendistat, fis-settur ta' solidarjetà fl-Istati Membri tagħhom stess, jew fi Stat Membru ieħor. Il-PES ikkontribwixxew għat-tfassil tal-inizjattiva bħala parti mill-konsultazzjonijiet li fil-mira tagħhom kellhom il-partijiet ikkonċernati, fid-dawl tal-esperjenza tagħhom ta' tqabbil ta' żgħażagħ li jkunu qegħdin ifittxu xogħol ma' impjiegi, inkluż b'mod transkonfinali. Ser ikunu wieħed mill-atturi ewlenin li ser jgħinu jwasslu d-dimensjoni okkupazzjonali tal-inizjattiva u xi PES diġà huma involuti fl-iffaċilitar tal-ewwel kollokamenti okkupazzjonali fil-qafas tal-ewwel fażi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. .

2.6 L-evalwazzjoni u l-valutazzjoni ta' inizjattivi attivi fis-suq tax-xogħol (objettiv g)

Il-valutazzjoni ta' Politiki Attivi fis-Suq tax-Xogħol (ALMPs) hija ta' importanza speċjali għall-PES. Tista' tgħinhom jiddeċiedu dwar jekk isegwux approċċi speċifiċi wara pilotaġġ inizjali, u liema prattiki minn Stati Membri oħra jistgħu jiġu ttrasferiti b'suċċess.

Rapporti analitiċi

In-Netwerk jipproduċi għadd ta' rapporti u studji analitiċi li jeżaminaw u jivvalutaw l-ALMPs u l-implimentazzjoni tagħhom. Pereżempju fl-2016, ippubblika dokument analitiku dwar kwistjonijiet li joħorġu mill-kombinazzjoni ta' miżuri attivi u passivi għall-persuni qiegħda fit-tul. Rapporti ulterjuri jinkludu studji dwar l-integrazzjoni ta' ex-delinkwenti fis-suq tax-xogħol, kowċing u appoġġ għal ħaddiema akbar fl-età. Dawn id-dokumenti huma disponibbli fuq is-sit web taċ-ċentru ta' għarfien tan-Netwerk[24]. Dan jippermetti lill-membri u lill-prattikanti jitgħallmu dwar l-inizjattivi madwar l-UE u jivvalutaw l-impatt tagħhom.

Il-kontribut tal-PES għar-reviżjonijiet tas-sorveljanza multilaterali

In-Netwerk ikkontribwixxa wkoll għar-reviżjonijiet tas-sorveljanza multilaterali tal-EMCO dwar l-ALMPs, il-Garanzija għaż-Żagħżagħ u l-qgħad fit-tul. Pereżempju, ir-reviżjoni tal-

[24] http://ec.europa.eu/social/PESknowledgecentre

Garanzija għaż-Żgħażagħ/impjiegi għaż-żgħażagħ li saret f'Diċembru 2015 għarrfet l-importanza tal-PES fl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u kkonfermat il-ħtieġa għal sforzi kontinwi biex jitjiebu l-kapaċità u l-effiċjenza tal-PES.

3. Tagħlim Komparattiv

It-Tagħlim Komparattiv — kombinazzjoni sistematika ta' valutazzjoni komparattiva bbażata fuq indikaturi u tagħlim reċiproku — huwa metodu innovattiv li l-PES kienu minn tal-ewwel li daħħlu fin-Netwerk[25]. L-għan tiegħu huwa li jappoġġja lil kull PES biex itejjeb il-prestazzjoni tiegħu permezz ta' tqabbil u tagħlim istituzzjonali mill-pari. Jippermetti lill-PES biex jużaw valutazzjoni kwalitattiva interna u esterna ta' diversi faċilitaturi tal-prestazzjoni (sewwieqa) bħala appoġġ għall-valutazzjoni komparattiva. Ir-riżultati jistgħu jintużaw għal attivitajiet ta' tagħlim reċiproku. Kif definit mill-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni, it-Tagħlim Komparattiv huwa ċentrali għall-attivitajiet tan-Netwerk.

Il-ħames pilastri tat-Tagħlim Komparattiv

1. Valutazzjoni kwantitattiva li toħloq trasparenza dwar il-prestazzjoni tal-PES permezz tal-ġbir, tal-validazzjoni u tal-analiżi tad-data tal-PES;
2. Valutazzjoni kwalitattiva tal-prestazzjoni tal-PES kontra faċilitaturi tal-prestazzjoni permezz ta' awtovalutazzjoni segwita minn valutazzjoni bejn il-pari/mill-Kummissjoni/esperti esterni abbażi ta' żjara fuq il-post;
3. Identifikazzjoni sistematika tal-aħjar prattiki li jinġabru online, bħaċ-Ċentru ta' Għarfien tal-PES;
4. Programm ta' tagħlim reċiproku li jibni fuq ir-riżultati tal-PES u jappoġġja ż-żieda fil-prestazzjoni tagħhom billi jiffoka fuq il-punti pożittivi u n-nuqqasijiet identifikati;
5. Is-segwitu mill-PES tal-valutazzjoni tat-Tagħlim Komparattiv fid-definizzjoni u fl-ixprunar tal-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom għal titjib.

Il-proċess ta' valutazzjoni tat-Tagħlim Komparattiv u żjarat fuq il-post

Sabiex tinkiseb rabta integrata bejn valutazzjoni komparattiva u attivitajiet ta' tagħlim reċiproku, matul l-ewwel sentejn tal-proġett ta' Tagħlim Komparattiv saret analiżi strutturata u sistematika tal-prestazzjoni tal-PES. Iffokat fuq is-seba' oqsma ta' prestazzjoni identifikati fid-Deċiżjoni[26], li komplew jiġu maqsuma f'29 faċilitatur tal-prestazzjoni. Għall-analiżi, id-data dwar il-prestazzjoni intużat flimkien ma' proċess kontinwu ta' awtovalutazzjoni, ta' valutazzjoni bejn il-pari u mill-esperti tal-PES. Kull PES wettaq riflessjoni strutturata dwar il-

[25] It-Tagħlim Komparattiv tal-PES huwa ispirat mill-mudell ta' eċċellenza tal-Fondazzjoni Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kwalità (EFQM), għodda olistika għall-valutazzjoni tal-effikaċja ta' organizzazzjonijiet. Għall-iskop partikolari ta' Tagħlim Komparattiv fi ħdan il-PES Ewropej, ġiet żviluppata applikazzjoni magħmula apposta tal-approċċ relatat ta' Qafas Komuni ta' Valutazzjoni.

[26] 1. Ġestjoni strateġika tal-prestazzjoni; 2. Tfassil ta' proċessi operattivi bħall-għoti ta' gwida u l-bini ta' profili effettivi tal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu xogħol u l-użu mfassal apposta ta' strumenti attivi tas-suq tax-xogħol; 3. Attivazzjoni sostenibbli u ġestjoni ta' tranżizzjonijiet; 4. Relazzjonijiet ma' min iħaddem; 5. Tfassil u implimentazzjoni tas-servizzi tal-PES ibbażati fuq l-evidenza; 6. Ġestjoni effettiva ta' sħubiji ma' partijiet interessati; 7. Allokazzjoni tar-riżorsi tal-PES.

prestazzjoni tiegħu fir-rigward tal-faċilitaturi tal-prestazzjoni. Wara din l-awtovalutazzjoni, grupp magħmul minn pari, minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u minn esperti esterni żaru l-PES, kemm fuq livelli ċentrali u dak lokali, biex iwettaq valutazzjoni esterna.

Sal-aħħar ta' Lulju 2016, kienu saru żjarat lill-PES fl-Istati Membri kollha, fl-Iżlanda u fin-Norveġja, li ġabu fi tmiemu l-ewwel ċiklu ta' żjarat lill-PES. Ir-riżultati taż-żjarat fuq il-post ġew miġbura f'rapport li jipprovdi lil kull PES b'sett ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi, li jgħinu lill-PES jidderieġu l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom għal titjib. Bħala segwitu, sena wara ż-żjara l-PES jippreżentaw rapporti dwar it-tibdil.

Valutazzjoni komparattiva

Sabiex jinkiseb tagħlim ibbażat fuq l-evidenza, it-trasparenza tal-prestazzjoni tal-PES inħolqot permezz ta' ġbir ta' data komprensiva dwar ir-riżultati u l-faċilitaturi tal-prestazzjoni tal-PES.

L-analiżijiet kwantitattivi u kwalitattivi kkombinati jipprovdu evidenza empirika inizjali li b'mod ġenerali organizzazzjonijiet aktar maturi għadhom prestazzjoni ġenerali aħjar. Fir-rigward tat-tqabbil bejn il-prestazzjoni, għandu jiġi enfasizzat li f'kull qasam ta' prestazzjoni diversi PES ġew ivvalutati bħala maturi jew żviluppat sew matul l-ewwel ċiklu ta' żjarat lill-PES. Għalhekk, hemm aktar minn opportunità waħda biex jiġu studjati eżempji tajbin minn PES pari dwar kif jiġi appoġġjat l-iżvilupp organizzazzjonali.

Ġabra ta' prattiki potenzjalment trasferibbli li ġew identifikati matul il-valutazzjoni qed tiġi kondiviża fin-Netwerk għal skopijiet ta' tagħlim.

Tagħlim reċiproku

Attivitajiet ta' tagħlim reċiproku għandhom l-għan li jsaħħu l-prestazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-PES billi jibnu fuq ir-riżultati tal-analiżi tad-data u tal-valutazzjonijiet tat-Tagħlim Komparattiv tal-PES. Dawn l-attivitajiet jieħdu diversi forom, bħal skambji bejn il-pari, reviżjonijiet tematiċi, konferenzi, dokumenti analitiċi u settijiet ta' miżuri (ara l-attivitajiet fit-Taqsima 2 hawn fuq). Jinkludu wkoll appoġġ għall-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż[27].

Ir-riżultati tal-ewwel ċiklu ta' Tagħlim Komparattiv intużaw biex jiġi żviluppat u jitmexxa l-programm ta' tagħlim reċiproku tan-Netwerk, kif rifless fil-programm ta' ħidma tiegħu għall-2017. Mill-eżerċizzju tat-Tagħlim Komparattiv intgħażlet firxa wiesgħa ta' temi, li jippermettu l-parteċipazzjoni tal-persunal f'livelli differenti fil-PES.

It-tieni ċiklu ta' Tagħlim Komparattiv

Fl-2017, in-Netwerk beda t-tieni ċiklu ta' żjarat lill-PES. Ikompli mingħajr xkiel mill-ewwel ċiklu u jibni fuq il-kisbiet tiegħu billi jappoġġja l-attivitajiet u l-inizjattivi tal-PES għal titjib u modernizzar. Kull PES ser jerġa' jiġi vvalutat mill-ġdid b'enfasi fuq it-tibdil.

Il-mudell tat-Tagħlim Komparattiv ġie adattat xi ftit, iżda d-disinn prinċipali tal-proċess baqa' l-istess. Barra minn hekk, jiffoka fuq it-tibdil li l-PES ippjanaw li jagħmlu u l-progress tagħhom fl-implimentazzjoni ta' dan it-tibdil mill-ewwel valutazzjoni tagħhom. Dan għandu jgħin lil kull PES b'mod individwali biex jimplimenta l-miżuri ta' titjib. Wara t-tieni żjara, il-

[27] https://ec.europa.eu/info/strategy/european-semester/european-semester-timeline/eu-country-specific-recommendations_mt

PES jerġgħu jirċievu rapport ta' kummenti b'valutazzjoni dettaljata li tiffoka fuq l-oqsma ta' tibdil li attwalment il-PES ikunu qed jittrattaw kif ukoll suġġerimenti prattiċi għal titjib ulterjuri għaż-żamma ta' progress u tagħlim kontinwi.

In-Netwerk ħaddan għal kollox it-Tagħlim Komparattiv, u l-membri kollha huma impenjati li jinvolvu ruħhom fit-tieni ċiklu ta' żjarat lill-PES. Kummenti minn kwestjonarju dwar is-sodisfazzjon juru li l-PES apprezzaw il-livell għoli ta' kompetenza tat-tim ta' assessuri esterni. L-inizjattiva ta' Tagħlim Komparattiv hija meqjusa bħala opportunità unika sabiex il-PES isaħħu l-kooperazzjoni u t-tagħlim interdipartimentali u intersettorjali.

Il-proġett ta' Tagħlim Komparattiv jipprovdi lill-PES b'opportunità sabiex jiksbu kummenti minn imsieħba ta' fiduċja f'ambjent ta' appoġġ reċiproku, pariri kolleġġjali u kooperazzjoni ta' fiduċja. Dan iwassal għal appoġġ intern u estern. Internament, fis-sens li l-membri kollha tan-Netwerk jistgħu jibbenefikaw mill-attivitajiet ta' tagħlim reċiproku, u esternament fis-sens li jipprovdi li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-PES b'evidenza li jistgħu jużaw biex jiġġustifikaw it-tibdil u t-titjib.

L-appoġġ tal-membri tan-Netwerk biex ikomplu bl-inizjattiva u r-rieda tagħhom li jivvolontarjaw bħala assessuri għaż-żjarat fuq il-post juru l-valur li l-PES jiksbu minnu, u s-suċċess tal-ewwel ċiklu ta' Tagħlim Komparattiv.

Eżempji ta' inizjattivi ta' riforma li jirriżultaw mill-inizjattiva ta' Tagħlim Komparattiv[28]

Malta: il-PES Malti beda għadd ta' riformi. Dawn jinkludu l-istabbiliment ta' unità tar-relazzjonijiet industrijali sabiex tilħaq lil min iħaddem, tirrevedi l-proċeduri operattivi standard tagħhom u t-trasformazzjoni tal-interazzjonijiet bejn il-konsulenti tal-PES u l-klijenti sabiex jiġi żgurat approċċ aktar personalizzat.

Il-Litwanja: il-PES Litwen ħoloq diviżjoni ġdida tal-ġestjoni tal-kwalità u tal-kontroll u qed jintroduċi tibdil strutturali orjentat lejn il-proċess fl-10 uffiċċji reġjonali kollha tagħhom. Għandhom ukoll programm ta' attivitajiet li jinkludi valutazzjoni formali tal-kwalità, l-iżvilupp tal-persunal u titjib fl-infrastruttura tal-IT tagħhom.

L-Irlanda: Il-PES Irlandiż wettaq programm estensiv ta' valutazzjoni, ta bidu għal Stħarriġ annwali fuq skala kbira dwar is-Sodisfazzjon tal-Klijenti li Jkunu Qegħdin Ifittxu Xogħol, ħoloq programm ta' rikonoxximent li jippremja kontribuzzjonijiet sinifikanti mill-persunal u żied il-frekwenza tal-kuntatt mal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu xogħol, b'mod partikolari ma' gruppi vulnerabbli.

4. Prospettiva

L-evidenza ppreżentata hawn fuq turi li d-Deċiżjoni ġiet implimentata bis-sħiħ u li l-attivitajiet tan-Netwerk jissodisfaw l-objettivi stabbiliti fid-Deċiżjoni. Mis-snin bikrija tal-

[28] Eżempji oħra jistgħu jinstabu fir-Rapport Annwali tan-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, Lulju 2015-Diċembru 2016, http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=17000&langId=en

implimentazzjoni hemm ukoll xi tagħlimiet preliminari li jistgħu jinstiltu li jistgħu jkunu utli għal inizjattivi Ewropej oħra. Dawn huma elenkati hawn taħt.

Kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-PES fuq livell Ewropew

L-istabbiliment legali tan-Netwerk ipprovda pjattaforma għall-iżvilupp u għat-tisħiħ b'suċċess tan-netwerk informali preċedenti tal-Kapijiet tal-PES. L-istruttura formalizzata, l-objettivi definiti u r-regolarità u l-istruttura dinamika tal-laqgħat tal-Bord ħolqu impetu għal kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-PES nazzjonali. Il-programm ta' ħidma mimli attivitajiet u l-involviment attiv tal-membri kollha fl-attivitajiet ta' tagħlim reċiproku, il-gruppi ta' ħidma u t-Tagħlim Komparattiv huma xhieda ta' dan.

Hemm kultura qawwija ta' appoġġ reċiproku u ta' kollaborazzjoni fin-Netwerk, u dan qed iwassal għal innovazzjonijiet fl-appoġġ li l-PES jagħtu lil xulxin. L-appoġġ bejn il-pari jgħin ukoll biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet relatati mal-PES u speċifiċi għall-pajjiżi maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-PES qegħdin dejjem aktar jużaw in-Netwerk biex jirċievu assistenza jew pariri minn membri oħra dwar ċerti oqsma ta' politika barra mill-programm ta' ħidma.

It-tnedija b'suċċess tal-inizjattiva ta' Tagħlim Komparattiv

L-inizjattiva innovattiva ta' Tagħlim Komparattiv ġiet implimentata b'suċċess, xprunata u msawra mill-membri tan-Netwerk. Ir-rieda tal-Istati Membri kollha li jipparteċipaw ukoll fit-tieni ċiklu ta' żjarat lill-PES tindika l-valur li jaraw fit-Tagħlim Komparattiv bl-opportunitajiet ta' appoġġ u ta' tagħlim reċiproku tiegħu, kif ukoll rakkomandazzjonijiet personalizzati għal titjib għal PES individwali. Rapporti mis-segwitu tal-PES dwar l-attivitajiet ta' Tagħlim Komparattiv jindikaw titjib fil-prestazzjoni. L-eżerċizzju identifika firxa ta' prattiki ispiranti mill-Istati Membri u oqsma fejn il-PES jistgħu jiffokaw l-iżvilupp tagħhom, u dan jipprovdi rigorożità bbażata fuq l-evidenza għall-programm ta' ħidma tan-Netwerk.

Il-ħtieġa għal viżibilità akbar

Il-PES huma aktar b'saħħithom meta jitkellmu b'vuċi waħda. Il-kollaborazzjoni riċenti biex jiġi pprovdut kontribut uniku mill-PES għall-konsultazzjoni dwar il-Pilastru Soċjali wriet li l-isfidi u l-prospetti li qegħdin jinbidlu li jiffaċċjaw il-PES individwali huma komuni. Uriet ukoll li ma hemmx biss lok sabiex jaħdmu flimkien biex jindirizzaw dawn l-isfidi, iżda hemm ukoll lok biex jgħollu l-profil tagħhom quddiem dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet billi jippreżentaw pożizzjoni magħquda. Kif muri mill-firxa wiesgħa ta' informazzjoni fiċ-ċentru ta' għarfien tal-PES dwar l-organizzazzjoni tal-PES fl-Ewropa u s-servizzi li joffru, in-Netwerk kien prolifiku fir-riżultati tiegħu. Ħafna minn dawn ir-riżorsi għandhom benefiċċju usa' għar-riċerkaturi u għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. Viżibilità akbar tan-Netwerk u tar-riżultati tiegħu tiżgura li dawn ir-riżorsi jintużaw b'mod effettiv. Il-kunsens tal-Bord li jippermetti l-pubblikazzjoni tad-data dwar it-Tagħlim Komparattiv ser isaħħaħ ukoll l-argument favur il-vijabbiltà tar-riforma.

5. Konklużjoni

Sal-lum id-Deċiżjoni ġiet implimentata b'suċċess. Kif muri f'dan ir-rapport, hemm evidenza qawwija li turi li n-Netwerk qiegħed jiffoka fuq l-oqsma kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni. Fl-istruttura formalizzata tiegħu, in-Netwerk wera li huwa mezz effettiv ta' appoġġ għall-PES nazzjonali fl-isfidi individwali li jiffaċċjaw. Fl-istess ħin, jippromwovi kooperazzjoni sabiex kwistjonijiet komuni jiġu indirizzati flimkien għall-promozzjoni tal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020.

B'mod partikolari, il-proġett ta' Tagħlim Komparattiv wera ruħu li huwa innovazzjoni pożittiva, fis-sens li l-istituzzjonijiet nazzjonali jista' jkollhom referenzi esterni, jirċievu kummenti kostruttivi mingħand prattikanti esperti u jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' tagħlim magħmula apposta ma' pari. Hekk kif jiżviluppaw iċ-ċikli ta' Tagħlim Komparattiv, il-PES ser ikunu jistgħu jtejbu b'mod kontinwu l-organizzazzjoni tagħhom u s-servizzi li jipprovdu lill-pubbliku. It-Tagħlim Komparattiv għandu l-potenzjal li jkun applikabbli għal firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika u inizjattivi madwar l-UE fl-insegwiment ta' eċċellenza.

Filwaqt li jibni fuq is-suċċessi tiegħu u jżomm ruħu rilevanti għall-membri tiegħu, in-Netwerk qiegħed jagħmel progress inkoraġġanti. Ir-rieda tal-membri tiegħu li jikkollaboraw, jaqsmu l-aħjar prattiki u jipparteċipaw f'avvenimenti ta' tagħlim turi x-xewqa komuni tagħhom li jkomplu dejjem aktar jitjiebu u fl-aħħar mill-aħħar jipprovdu servizz aħjar u aktar effettiv lill-persuni kollha madwar l-Ewropa. In-Netwerk kien u għadu jiffoka l-attivitajiet tiegħu fuq it-tmien objettivi deskritti fid-Deċiżjoni Madankollu, dan ma waqqfux milli jwieġeb għal sfidi emerġenti bħall-kriżi tar-rifuġjati.

Skont id-Deċiżjoni, in-Netwerk għandu jibqa' jiffunzjona sal-31 ta' Diċembru 2020. Dan ir-rapport jagħti reviżjoni interim tal-attivitajiet tiegħu sal-lum. Rapport ieħor jiġi ppubblikat qabel tiskadi d-Deċiżjoni. B'ħarsa 'l quddiem, il-programm ta' ħidma għall-2017 għandu skeda sħiħa ta' attivitajiet għall-promozzjoni tal-objettivi u l-ħtiġijiet tal-PES. Dawn l-attivitajiet ser ikomplu tul l-eżistenza tan-Netwerk.